**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**6 ta' Diċembru, 2020**


# MARIJA

Fiż-żmien tal-Avvent niltaqgħu mal-figura ta' Marija, bosta jiem qabel it-twelid ta' Ġesù minnha. Nhar it-Tlieta li ġejja se niċċelebraw il-festa tal-Kunċizzjoni. Għalkemm f'dan il-jum il-quddies ikun bħal ta' fost il-ġimgħa, tkun ħaġa sabiħa li nieqfu ftit u nqaddsu l-jum bis-sehem tagħna fl-Ewkaristija Mqaddsa.



Fil-Kunċizzjoni niffissaw il-ħarsa tagħna fuq l-Adolexxenti Marija. Għalkemm hija ma tifhimx kollox u ssaqsi lill-Anġlu għax trid tiċċara għaliex Alla bagħat Anġlu fil-periferija biex jisteiden propju lilha għal din il-biċċa xogħol kbira, mbagħad fl-aħħar tgħid dawk il-kelmiet li juru kemm kienet soda fil-ħsieb u kbira fil-fidi: ***"Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek."*** Filwaqt li aħna għandna manija kif inwaħħlu fl-oħrajn u ngħidu li ma wasalniex ħtija ta' ħaddieħor, Marija taċċetta li tidħol għall-biċċa xogħol li Alla talabha.

Ma taħlix żmien, għax milll-ewwel tmur għand Elizabetta biex tgħinha. Din hija l-Qaddejja Marija: toħroġ mir-rutina, tħares 'il quddiem u tmur taqdi, sakemm jiġi l-mument tagħna li tagħtina lil Ġesù.

Infakkarkom li aħna fil-parroċċa daħħalna d-drawwa li anke jekk ma ngħidux ir-rużarju kuljum, fit-8 ta' kull xahar nippruvaw ngħiduh mal-membri tal-familja, flimkien.

*L-Arċipriet*

**FIL-FESTA TAL-KUNĊIZZJONI NHAR IT-TLIETA:** hemm stedina għall-membri tal-Leġjun ta' Marija waqt l-Adorazzjoni fl-10.15am fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Jingħad ir-rużarju, tingħata l-Barka Sagramentali u fil-11.00am ikun hemm il-quddiesa.

**SENA ĊENTINARJA - 9:** Il-leġjun iħeġġeġ lill-membri għal xi kuntatti personali li jistgħu jieħdu fit-tul, u dan bħala servizz ta' mħabba u dmir lejn oħrajn, f'kulma jista' jkun ta' xi ġid, mhux biss spiritwali.

## 'Mill-Patrimonju Naduri'

### Kollezzjoni ta' Kartolini Postali

Il-Parroċċa tan-Nadur għadha kemm ippubblikat l-ewwel kartolina postali marbuta mal-patrimonju u l-istorja tagħha. Din l-ewwel kartolina minn kollezzjoni li ġġib l-isem ta': 'Mill-Patrimonju Naduri' fejn turi wieħed mill-Bambini tal-Milied li hu maħdum fl-injam li l-parroċċa tagħna tikkonserva.



Il-programm ta' pubblikazzjonijiet ta' Kartolini Postali 'Mill-Patrimonju Naduri' jkomplu tul is-sena li ġejja fix-xhur ta' Marzu, Ġunju, Settembru u Diċembru. Dan flimkien ma' album li ser jiġi ppubblikat biex din il-kollezzjoni tkun tista' tiġi ppreservata fih.

Din il-kartolina postali tista' tinkiseb mill-Uffiċċju Parrokkjali għall-prezz ta' €2.

## AVVIŻI OĦRAJN

**L-GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU:** se tkun qed torganizza kompetizzjoni għall-isbaħ presepju fit-tieqa u l-isbaħ tieqa mżejna b'motiv reliġjuż. Applikazzjonijiet jingħabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali u jintefgħu fil-kaxxa tal-ittri ta' Dar Dun Franġisk Grima sal-15 ta' Diċembru. L-attività qed issir b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Għal aktar informazzjoni żuru l-paġna ta' Facebook www.facebook.com/presepjunadur jew ikkuntattjawna permezz tal-email presepjunadur@gmail.com.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am